# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 299/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Victor Darmanin**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Victor Darmanin**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 6771(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'xi ġranet f'Lulju 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. irrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' frodi b'egħmil qarrieqi, billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann,

jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalih jew għal persuni oħra ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċediex l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-kumpanija Arriva;

2. fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi xjentement għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat;

3. assoċja ruħu ma' xi persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jwettaq reat;

4. irrenda ruħu reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. datata 14 ta' Mejju 2009), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju 2016, fejn il-Qorti:

- ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u għalhekk illiberatu minn kull ħtija u piena dwarha;

- astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni minħabba li kienet ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni;

- wara li rat Artikoli 17(h), 18, 42, 49, 50, 189, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malat, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**tikkonferma** d-decide tal-Ewwel Qorti fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2016 mill-Qorti tal-Maġistrati ppreseduta mill-Maġistrat Aaron M. Bugeja fil-kawża **Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs. Victor Darmanin** in kwantu sejbien ta' innoċenza u liberatorja skont it-tieni akkuża, tirriforma u titlob r-revoka contrario imperio tal-istess sentenza in kwantu s-sejbien ta' ħtija fl-ewwel u r-raba' akkużi u tilliberaħ minnhom minn kull ħtija u piena u fil-każ illi xorta waħda ssibu ħati taħt l-istess l-ewwel u r-raba' akkuża tirriforma u tibdel s-sentenza kif premess f'dan l-umili appell għal waħda li ma tikkomprendix ebda priġunerija effettiva. Bir-rispett u salv sottomissjonijiet ulterjuri waqt is-smigħ tal-appell."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-31 ta' Mejju 2016. Filwaqt li l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni minħabba li kienet ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni u filwaqt ukoll li l-imsemmija Qorti ma sabitx ħtija fl-appellant allura imputat fit-

tieni (2) imputazzjoni, instabet ħtija fih fir-rigward tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni.

Illi jkun opportun li din il-Qorti tinnota li fl-ewwel paragrafu taħt it-titolu "Aggravji", l-appellant jinnota a skans ta' ekwivoku li s-sentenza appellata ġiet mogħtija fil-31 ta' Mejju 2016 u mhux fis-16 ta' Mejju 2016. Din il-Qorti effettivament tinnota li s-sentenza mill-Ewwel Qorti verament ingħatat fil-31 ta' Mejju 2016 kif jgħid l-appellant u dana jirriżulta mis-sentenza li hemm fl-atti proċesswali. Għandu jingħad li l-appellant innota dak imsemmi f'dan il-paragrafu minħabba t-terminu ta' appell. Tenut kont ta' dak li ngħad, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel aktar konsiderazzjonijiet dwar dak innutat mill-appellant fl-ewwel paragrafu tiegħu taħt it-titolu "Aggravji".

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant (ċioè paragrafu mmarkat bin-numru "2") huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi. L-appellant jisħaq li ma jistax jifhem kif l-Ewwel Qorti l-ewwel ma sabitx li kien ippruvat ir-reat ta' truffa imma mbagħad sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni. Jgħid li fix-xiehda tagħhom Fulvio Schembri u Alfred Parnis kienu riluttanti li jindikaw lilu (lill-appellant) bħala l-persuna li kien jagħtihom il-biljetti. Jgħid li kien għax qalulhom li kien *cctv recording* meta minn dan ir-*recording* ma tirriżulta ebda prova indizjali fil-konfront tiegħu (tal-appellant). Jargumenta li f'*recording* minnhom ma jidhirx li hu qed jagħti xi ħaġa lix-xufier. Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha l–aħjar prova dwar l-innoċenza tiegħu meta l-Prosekuzzjoni ppreżentat filmat tal-allegata assoċjazzjoni u xhieda mill-Arriva li jikkonfermaw *codes* tiegħu (tal-appellant) u *codes* tax-xufiera li ma ġewx użati għall-ħruġ ta' biljetti iżda dawn intużaw minn persuni li baqgħu jaħdmu mal-Arriva. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni għaliex mill-apprezzament tagħha stess aċċettat li xejn ma kien ippruvat u xejn ma jorbot lilu mal-imputazzjoni. Jistaqsi: meta jkollok filmat li jmur kontra dak li jgħidu x-xufiera, kif jista' dan iwassal għall-konvinċiment morali? Jistaqsi wkoll: jekk ma kienx

*safe and satisfactory* li l-Ewwel Qorti ssibu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni, kif setgħet issibu ħati taħt l-ewwel (1) imputazzjoni? Jgħid li teżisti l-possibilita' li fil-fatt hemm dubju li għandu jmur favur tiegħu.

Illi l-appellant jargumenta wkoll li l-Ewwel Qorti tgħid li: *"il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad rikjest mil-liġi li d-dokumenti li bihom ġiet imwettqa din l-iskema frawdolenti kienet il-frott ta' dokumenti falsifikati."* Jgħid li huwa aggravju li f'nifs wieħed l-Ewwel Qorti taċċetta li ma tistax torbot lilu max-xufiera u mal-biljetti u f'nifs ieħor ttenni sejbien ta' ħtija akkost ta' kollox li hu kien kompliċi meta xejn ma jindika hekk jew tgħid ukoll li kien nieqes l-element ta' *messa in scena*. Jisħaq li l-Prosekuzzjoni pprospettat kif seta' kienu x-xufiera qed jakkwistaw dawn il-biljetti mingħajr prova waħda ċerta, indiretta jew teknika li tindika lilu bħala parteċipi.

Illi dwar dan l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li huwa ben magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha,

> allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti xorta għamlet analiżi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minn din l-analiżi hija konvinta minn dak li xehdu Fulvio Schembri u Alfred Parnis kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha meta qalet hekk (*a fol.* 99):

> "Din il-Qorti, wara li għarblet il-provi prodotti tqis li hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mix-xiehda mogħtija minn Fulvio Schembri u Alfred Parnis. Illi d-dikarazzjonijiet bil-ġurament ta' Fulvio Schembri u, anke jekk bi tqanżieħ, t'Alfred Parnis jorbtu lill-imputat mal-iskema adoperata sabiex tiġi ddefrawdata l-kumpanija Arriva billi jiġu mibjugħa biljetti li jkunu jidhru li huma tal-Arriva lil passiġġiera tal-Arriva iżda li l-import tal-bejgħ tagħhom ma jiġix debitament reġistrat fis-sistemi komputerizzati tal-istess Arriva.
>
> Din l-iskema kienet qegħda titħaddem billi l-imputat jiltaqa' ma' Schembri u Parnis qabel jibdew il-vjaġġi tagħhom u huwa jissuplihom b'numru ta' biljetti oħra li ma jkunux maħruġa mill-kaxxa tax-xarabank li dawn ix-xufiera jkunu sejrin jużaw għal dik il-ġurnata. Imbagħad kien jispetta lil dawn ix-xufiera li jbiegħu minn dawn il-biljetti suppliti lilhom mill-imputat u minflok li l-import tagħhom jirreġistrawh fis-sistema tal-Arriva, dawn kienu jaqbdu l-import tal-biljetti konsenjati lilhom mill-imputat u li jkunu mibjugħa lil passiġġieri injari u jaqsmuh bejnhom u bejn l-imputat."

Illi din il-Qorti tinnota li Fulvio Schembri spjega kif għall-ewwel kien riluttanti li jidħol fil-biċċa u kien qallu li jmur il-Marsa u li l-appellant allura imputat jagħtih il-biljetti u kien joħroġhom bid-data lesta. Għal mistoqsija diretta tal-Ewwel Qorti (*a fol.* 42):

> "Mela inti taf illi Victor kien jista' jġiblek biljetti tal-Arriva u inti tista' tbiegħhom imbagħad fuq il-vjaġġ illi jkollok?",

dan ix-xhud wieġeb:

> "Eżatt".

Illi mbagħad bil-biljetti li jbiegħu kellhom jaqsmu nofs bin-nofs. Jirriżulta li kien saħansitra jiftiehem mal-appellant minn filgħaxija fejn sejjer ikun xogħol. Dan kollu sar għall-ħabta ta' Lulju 2012. Dan ma sarx darba biss għaliex ix-xhud ċempel diversi drabi u qal li saret xi erba' darbiet.

Illi minn naħa l-oħra Alfred Parnis, ukoll jekk xi ftit bit-tqanżieħ, kif ikkummentat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha u bi twissijiet minnha, xehed li l-appellant kienx qallu jridx ibieghom. Ix-xhud kellu bżonn naqra ta' xi ħaġa u għoġbitu għax kien qiegħed daqsxejn *down*. Huwa qal li l-isem ta' dak li kien fir-ritratt kien Victor. Meta l-iSpettur staqsieh jekk dan kienx tah biljetti, huwa wieġeb fl-affermattiv (*a fol.* 108). Imbagħad kompla jgħid li l-qliegħ kien jinqasam nofs bin-nofs. Fil-kontro-eżami meta l-avukat tal-appellant staqsa lil Alfred Parnis (*a fol.* 111): *"Ġieli għaddielek biljetti?"*, it-tweġiba kienet fl-affermattiv. Hu qal li fi tliet ġimgħat ma jistax ikun li telgħu elfejn Ewro.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din

ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

Illi dan diġà huwa biżżejjed biex ikun hemm il-prova skont Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda ma' dan wieħed jista' jżid it-telefonata li kienet saret lil Fulvio Schembri meta kienu qed ikellmuh l-impjegati tal-Arriva. Din kienet ikkonfermata minn Kenneth Aquilina u minn Anthony Bonnici tal-GO plc li xehed li waħda mil-linji kienet reġistrata fuq Fulvio Schembri u l-oħra fuq Victor Darmanin. Din it-telefonata tidher ukoll fil-*call log*. Mario Farrugia għaraf il-vuċi tal-appellant li kien preżenti waqt it-telefonata. Dawn kienu jaħdmu flimkien. Għalhekk issa l-Qorti għandha tliet provi. Meta l-Qorti eżaminat dak li xehed l-appellant jew dak li qal fl-istqarrijiet ma ħassitu konvinċenti xejn.

Illi l-appellant jissottometti li mill-filmat tas-*CCTV* ma rriżulta xejn u li għalhekk hu kellu jkun liberat. Jgħid li l-filmat jipprova l-innoċenza tiegħu. Din il-Qorti tinnota li dan l-argument mhux sostenibbli u dana peress li l-fatt li ma joħroġ xejn minn prova li titressaq mill-Prosekuzzjoni ma jfissirx li wieħed ikun liberat minn imputazzjoni ġialadarba hemm provi oħra tajbin u ma jħallu ebda dubju raġonevoli dwar il-ħtija. Lanqas ma jista' jingħad li l-filmat jiskolpa lill-appellant. L-aktar li jista' jingħad hu li l-filmat ma jipprova xejn. Dan il-kumment japplika *mutatis mutandis* għal dak li jingħad fir-Rikors dwar *pin numbers* u li l-*pin number* kien ta' ħadd ieħor. Il-kwistjoni kollha tirriduċi ruħha f'waħda sempliċi – jekk hemmx prova waħda jew aktar ta' min joqgħod fuqha.

Illi l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti stess sabet element mit-truffa li m'huwiex ippruvat – il-*mise-en-scene* – u skont hu ma kellux jinstab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni. Il-Qorti ma tistax taċċetta dan l-argument għaliex l-Ewwel Qorti qalet li hi ma kinitx qed issib ħtija ta' truffa kif inhi redatta l-ewwel (1) imputazzjoni imma ta' frodi innominata taħt Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u sostniet dan billi fil-*footnote* li tinsab f'paġna 9 tas-sentenza appellata rriferiet għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs.**

**George Manicolo**. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Awwissu 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Edgar Publio Bonnici Cachia** (Numru 11/2010), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "3. Il-Qorti Inferjuri – issa bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara li kien hemm il-kunsens kemm tal-Avukat Ġenerali kif ukoll tal-imputat għall-proċedura sommarja – ippronunzjat is-sentenza tagħha fit-18 ta' Jannar 2010. Dik il-Qorti ma sabitx lil Bonnici ħati skond l-ewwel imputazzjoni, ċioè ta' truffa, iżda sabitu ħati tar-reat minuri, iżda kompriż u involut, ta' frodi innominata skond l-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali; [...]."

Illi punt ieħor imqajjem mill-appellant huwa li jekk l-Ewwel Qorti lliberatu mit-tieni (2) imputazzjoni kif setgħet issibu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni? Dwar dan għandu jingħad li t-tieni (2) imputazzjoni hija dwar falsifikazzjoni u dwar liema l-Ewwel Qorti ma sabitx li kellha quddiemha l-aħjar provi biex tkun ippruvata, liema imputazzjoni hija differenti mill-ewwel (1) imputazzjoni. Hemm differenza fl-elementi tar-reat tal-frodi u dawk tal-falsifikazzjoni. Għalhekk jekk l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mit-tieni (2) imputazzjoni ma jfissirx li kellha tilliberah mill-ewwel (1) waħda wkoll!

Illi l-elementi tal-frodi innominata kollha qegħdin hemm inkluż li xi ħadd tilef mill-patrimonju tiegħu. F'dan il-każ kienet is-soċjeta' Arriva li tilfet il-flus. Konsegwentement din il-Qorti tara li ma hemm xejn x'tiċċensura f'dak li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti dwar l-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jargumenta li ma ġietx ippruvata r-reċidiva *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li jrid ikun ippruvat it-trapass taż-żmien u li dan irid ikun

ikkalkolat minn meta tħallset il-multa. Jgħid li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprovdi d-data ta' meta tħallset. Jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi u qal li għalhekk huwa possibbli li tingħata sentenza sospiża ġialadarba ma saritx il-prova tal-ħlas tal-multa. Jisħaq li peress li l-Ewwel Qorti daħlet fl-apprezzament ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fid-*decide* tas-sentenza appellata qalet li l-piena tista' tiżdied bi grad jew tnejn, b'hekk jinħass li dan għandu wkoll ikun ikkontestat u kkunsidrat bħala aggravju. Wara li jikkwota Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid hekk: *"In massima ipotesi l-Ewwel Qorti kellha ssib lill-imputat ħati iżda l-piena titnaqqas b'żewġ gradi jew tlieta għalhekk għandu ċertament jkun akkolt minn din l-Onorabbli Qorti li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kinitx prekluża milli tagħti sentenza sospiża iżda saħansitra setgħet tat multa."*

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa msemmi fiċ-ċitazzjoni li fihom hemm imniżżla l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant. Dan l-artikolu jirriżulta mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti minħabba li l-appellant għadda l-biljetti biex jinbiegħu aktar minn darba. Għalhekk l-Ewwel Qorti kellha raġun tikkunsidrah u b'hekk il-parti tal-aggravju li tirrigwardah qed ikun miċħud.

Illi l-appellant isemmi wkoll Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ta' min isemmi li l-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet (3) imputazzjoni li kienet tirrigwarda l-assoċjazzjoni. Jirriżulta wkoll li fl-ewwel (1) imputazzjoni, l-appellant allura imputat kellu imputazzjoni ta' kompliċita' u mhux ta' assoċjazzjoni. B'hekk anke il-parti tal-aggravju tal-assoċjazzjoni qed ikun miċħud ukoll.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li r-reċidiva ma kinitx sodisfatta *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm, l-Avukat Ġenerali ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt li fil-pedina penali (*a fol.* 3) jirriżulta li l-multa kienet tħallset fir-rigward tas-sentenza (Dok. "RS 1" – *a fol.* 75 *et seq.*) li ġiet mogħtija fl-14 ta' Mejju 2009. Dwar dan din il-Qorti

filwaqt li tinnota li huwa minnu li mill-fedina penali tal-appellant jirriżulta li hemm miktub *"Paid"* pero' din il-Qorti kif tista' qatt tikkonkludi li l-kelma *"Paid"* tirreferi għall-multa li l-appellant kien ġie kkundannat iħallas bis-sentenza tal-14 ta' Mejju 2009? Kien ikun ferm aħjar li kieku tressaq xhud quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jikkonferma li verament il-multa in kwistjoni ġiet imħallsa. Dan ma jirriżultax li sar. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lydon Cutajar** (Numru 418/2012) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "16. Kwantu għall-multa nflitta permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2011, peress illi jirriżulta illi fis-27 ta' Awwissu 2012 din kienet għadha ma tħallsitx (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2012 u Dok. "MB" *a fol.* 24 – 26), allura l-piena kienet għadha ma ġietx "skontata", u l-Artikolu 50 mhuwiex applikabbli. Kwindi hu applikabbli biss l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward biss tas-sentenza msemmija tas-27 ta' April 2011."

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Said** (Numru 401/2013) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) irriteniet is-segwenti:

> "8. Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-Artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidività kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B'hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ ta' reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-diċitura tal-Artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-

kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioè li t-termini preskritti fl-Artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet imħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq iċċitat fis-sentenzi msemmija u b'hekk isegwi li ġialadarba ma hemmx prova fl-atti proċesswali li l-multa msemmija fis-sentenza mmarkata bħala Dok. "RS 1" (*a fol.* 75 *et seq.*) ġietx imħallsa jew le, b'hekk ma jistax jingħad li l-piena ġiet skontata u għaldaqstant Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax f'dan il-każ.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tinnota li ma hemmx għalfejn isiru aktar konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju. It-tieni aggravju qed jiġi milqugħ minħabba dak li ngħad hawn fuq fir-rigward ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk hemm lok li jkun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u ta' dak li ngħad f'din is-sentenza jkun opportun li l-appellant ikun ikkundannat għal piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema ikun wieħed sospiż. Din il-Qorti tqies li din tkun piena idonea fil-konfront tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Victor Darmanin u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u fejn huwa ġie liberat minnha;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni b'dan illi jiġi speċifikat li din il-ħtija hija biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tilliberah minn dan l-Artikolu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant sitt (6) xhur priġunerija u minflok tikkundanna lill-appellant għall-perjodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' tlitt (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-appellant fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fiż-żmien li l-perjodu ta' priġunerija tiegħu ġie sospiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**